

# Il-Pesta tal-1813

*Is-Sur Sebatian Vella B.A.(Hons)P.G.C.E.*

Kulħadd jaf li l-Parroċċa ta' San Sebastjan oriġinat mill-istatwa artistika tal-aħwa Fabri faċċata tal-Knisja ż-Żgħira. Din l-istatwa tal-ġebel li turi lil San Sebastjan marbut ma' siġra kienet saret bħala ringrazzjament mill-Qriema wara li għaddiet il-pesta tal-1813. Fil-fatt l-istatwa tħares lejn il-portijiet minn fejn daħlet l-epidemija tal-pesta.

Il-Pesta hija marda infettiva .Illum nafu li ġi mill-baqq, *xenpsula cheopis*,li jkun hemm fuq il-firien iswed *rattus*. Iżda l-mikrobu tal-pesta,*Yersinia pestis*,ġie biss misjub fl-1894 minn Alexander Yersin.Fl-1813 it-tobba ma kienux jafu minn fejn tlġi, kif tfejjaqha u kif tevitaha. Ħafna tobba kienu jsostnu li tiġi mill-arja iżda kienu jafu li tittieħed mhux biss minn persuni infettati iżda anke minn oġġetti. Dan għaliex il-mikrokożmi li jmexxuha ma' jidhrux. Għalhekk kienu jaħarqu bhejjem, ħwejjeġ u kwalunkwe ħaġa li messet mal-infettati. Kienu jiżolaw lill-morda infettati u jekk imutu jidfnuhom f'oqbra komuni u jitfgħu fuqhom il-ġir ħalli l-iġsma jiddikomponu malajr. F'pajjiż Kattoliku ma' setax isir kremazzjoni (ħruq) tal-mejtin. Kien isir hafna fumigar b'lampi tal-fumigazzjoni u d-djar kienu jinżebgħu bil-ġir. Anke dokumenti kienu jiffumigaw u peress li kienu jemmnu li l-pesta tittieħed anki mill-karti nafu b'dokumenti li nkitbu fuq l-injam waqt il-pesta. In-nies iżolati xorta riedu jieklu, jilbsu, jinħaslu u jindilku biż-żejt u l-ħall li kienu jaħsbu li jgħin. Dawk li jieħdu ħsiebhom u anki dawk li jġorruhom sal-isptar jew saċ-ċimiterju kienu f'riskju ukoll. It-tobba kienu jużaw ingwanti, maskri ma' wiċċhom u jpoġġu xi werqa tat-tabakk fuq il-polz biex iħossuh. Is-Sintomi tal-pesta kienu jkunu infiħ tal-glandoli ta'taħt l-abt,iż-żaqq u fil-koxxa. Dan kien ikun akkumpanjat ma' uġigħ ta' ras, deni u anki delirju.

Jingħad li l-pesta daħlet fid-29 ta' Marzu 1813 fuq il-bastiment Malti San Nicola li kien ġej minn Lixandra fl-Eġittu.Il-Kaptan Malti, Antonio Bonifacio,kien avża lill-awtoritajiet li fi triqtu lejn Malta mietu żewġ baħrin b'sintomi tal-pesta. Għalhekk il-bastiment tħalla f'nofs il-port tal-kwarantina u l-baħrin ħaduhom l-Isptar ta' Lazzarett fuq Manoel Island. Il-Lazzarett kien fetħu l-Granmastru Lascaris fl-1646. F'Malta l-pesta kienet ilha ma' tidher mill-1676 meta qatlet aktar minn 11,000 Malti li minnhom 335 kienu Qriema. Iċ-ċurma qaxxrulhom xagħrhom, ħasluhom fl-ilma baħar, dilkuhom bil-ħall u tawhom ħwejjeġ ġodda. Kien hemm żewġ dgħajjes għassa madwar il-bastiment. Fl-1 ta April il-Kaptan Bonificacio wara logħba bil-ballun, ħass uġigħ kbir f'rasu u wara 36 siegħa miet fil-Lazzarett. Il-qaddej tiegħu miet wara ftit. Kienu huma t-tnejn li ħadu ħsieb iż-żewġ baħrin li mietu fuq il-baħar. Il-Kummissarju Ċivili, *Oakes* li kien imexxi lil Malta f'isem il-Kuruna Ingliża ma riedx jaħraq il-bastiment biex ma jħallasx kumpens. Ċurma ġdida telgħet fuq il-bastiment

*ikompli f'paġna 33*

u wara li sar l-iffumigar u li nżeba' minn ġewwa ħaduh lura l-Eġittu. Ħadd minn din iċ-ċurma l-ġdida u ħadd miċ-ċurma li ġabitu Malta ma' miet aktar. Kulħadd ħaseb li l-periklu ġie skansat.

Iżda fid-19 ta April, Dr Gravagna invista tifel ta'l-iskarpan Salvu Borg mill-Belt Valletta. It-tifel kien ilu marid sitt ijiem u kellu tumur f'sidru. Fi ftit ġranet l-omm li kienet tqila mietet hi u t-tarbija. Il-membri tal-familja Borg u min kien f'kuntatt magħhom ittieħdu Lazzarett. Skond l-istoriku Giovanni Bonello xi ħadd mill-għassiesa kien daħal fuq San Nicola qabel telqet u seraq xi drapp li imbagħad tpoġġa f'ħanut f'Tas-Sliema. Dan id-drapp xtrah Salvu Borg li ħa miegħu l-mikrobu tal-pesta.

L-awtoritajiet ħadu l-passi biex l-epidemija ma tinxteridx iżda l-Bord tas-Saħħa ma' kienx għadu ddikjara ċar u tond jekk kienetx pesta. It-tluq tal-vapuri ġie sospiż, il-Qrati, t-tejatri u wara ftit il-Knejjes ġew magħluqa. Il-Belt Valletta, l-Furjana u t-Tliet Ibliet tpoġġew taħt superviżjoni ta' tobba li kienu jduru dar dar jaraw hemmx infettati. Fil-5 ta Mejju ġie dikjarat li ma kienx hemm aktar każi l-Belt. Iżda l-għada l-qabla ,li kienet għenet lis-Sinjura Borg twelled, instabet mejta minn ċertu Delicata. Dan Delicata avża malajr li l-Bord tas-saħħa li ħaduh il-Lazzarett fejn miet fis-17 ta Mejju. Jingħad li mara b'sintomi tal-pesta mietet l-isptar u ħarquha biex jgħattu kollox. Fl-Isla marad u miet tifel kunjomu Briffa. Fis-7 ta Mejju ħarġu ordnijiet oħra biex isir kollox b'aktar ordni mat-tobba ingħaqdu l-logotenenti (maġistrati) tad-distretti. Klieb u qtates ma' kellhomx jitħallew jiġru barra. It-tallaba tneħħew mit-toroq u l-baħrin ġew ordnati jibqgħu abbord. Il-bejgħ tad-drappijiet u ġlud ġie imwaqqaf. Missier it-tifel Briffa miet il-Lazzarett u fi Strada San Paolo miet tifel tal-familja Falzon. Fid-9 ta' Mejju miet pazjent minn Ħal Tarxien kif kienu sejrin bih Lazzarett. Tallab miet fejn il-Marina Gate (illum Victoria Gate), iżda kien biss fit-12 ta' Marzu meta miet fil-Lazzarett Salvu Borg, l-iskarpan li allegatament daħħal il-pesta, li l-Bord tas-Saħħa għamel dikjarazzjoni li kienet pesta u mhux xi marda oħra.

Sar żball kbir meta fis-16 ta' Mejju l-infettati ngħataw l-permess jibqgħu f'darhom. Għalkemm kien hemm gwardjan mal-bieb il-kuntatt bejn in-nies xorta tkompla. L-injoranza u qlajjiet popolari għenu biex tinxtered il-pesta. Kien jingħad li t-tobba riedu jivvelenawk, li l-pesta ġiet minn qamħ ta' kwalita' baxxa. Skont it-tabib Ingliż Robert Calvert kien hemm it-twemmin popolari li l-pesta tittieħed minn ħobż sħun iżda mhux minn ħobż kiesaħ. Is-serq u ċ-ċaqliq ta' ħwejjeġ minn djar tal-infettati ma naqasx. Il-faqar u n-nuqqas ta' igene fid-djar ukoll taw kontribut biex timxi din l-epidemija. Fis-17 ta' Mejju proklama ta' *Oakles*, il-Kummissarju Ċivili, offriet flus lil min jagħti nformazzjoni fuq xi każi tal-pesta. Barra minn hekk din il-Proklama kellha l-piena tal-mewt għal min jaħbi l-effetti tal-marda fuqu jew fuq qrabatu. Mewt ukoll lil min jisraq oġġetti tal-infettati. L-iskejjel ġew magħluqa, iżda l-epidemija xorta nxterdet u bdew imutu wkoll l-għassiesa tal-bibien. Fit-18 ta'Mejju miet l-ewwel Qormi,ċertu Ġorġ Grech, tifel ta' 12-il sena.

Il-Belt inqassmet fit-8 distretti, bejn Distrett u ieħor kien hemm barrikati bis-suldati.F'post ċentrali f'kull Distrett kien jinġieb l-ikel u membru wieħed minn kull familja kien imur għalih. It-tobba kienu jidhlu dar dar u jniżżlu mal-bieb jekk ikunx hemm infettati. Il-kapijiet tal-familja riedu jniżżlu fuq il-bieb kemm kien hemm nies f'kull dar. Fl- 24 ta' Ġunju hekk kif il-każijiet komplew jiżdiedu twaqqfet il-komunikazzjoni bejn l-ibliet u l-kampanja. Biex tidħol il-Belt ridt passaport speċjali.

*ikompli f'paġna 36*



*Il-Lażżarett fejn kienu jiġu mpoġġija l-morda bil-pesta*

Is-sħana tas-sajf kompliet iżżid il-problema u *Oakes* biddel il-Bord tas-Saħħa u daħħal aktar tobba. Sa Ġunju l-Lazzarett u anki Forti Manoel kienu mimlija. B'hekk bdew jinbnew barrakki temporanji tal-injam madwar is-swar. Kull barrakka kienet 12-il pied kwadru u kellha tieqa waħda. Ġewwa l-barrakka ma kienx hemm għamara jew faċilitajiet sanitarji. Il-Barrakki mimlija sħana. Skont it-tabib Ingliż *Brooke Faulkner* is-sitwazzjoni fil-Lazzarett ma kienetx aħjar. Kien hemm pazjenti abbandunati fejn xulxin bi ħwejjeġ maħmuġa reqdin fuq it-tiben jew fl-art. *Faulkner* ra abbużi ta' kull tip u ebda igene. Mhux ta' b'xejn li l-Maltin kienu jagħmlu minn kollox biex ma jitilqux minn djarhom. Ġew rekwiżizzjonati djar kbar tal-pesta. It-transport tal-infettati kien isir fuq 22 *stretcher* u l-mejtin fuq 6 karrijiet tal-mejtin. Karru minnhom għadu jeżisti fil-Mużew tas-Santwarju ta' Ħaż-Żabbar u kien xogħol tal-mastrudaxxa Giaocchino Xerri. It-transport kien beda jsir mill-ħabsin li libsin bl-aħmar u l-iswed u barnuża fuq rashom. Kienu jbezzgħu lil kulħadd. Il-każijiet ta' stupri u serq żdiedu sakemm il-ħabsin mietu kollha. Ġabu 50 Habsi Sqalli li mietu wkoll bil-pesta.

Fit-3 ta' Lulju l-logutenent kurunell Rivarola ngħata poteri speċjali ta' maġistrat u Spettur Ġenerali tal-Pulizija. Fit-13 ta' Lulju ġiet imwaqqfa l-komunikazzjoni bejn il-Belt Valletta u l-Furjana. Il-pieni għal min jikser xi regolament komplew jiħraxu. Fis-17 ta' Awissu ġie fuċilat fi Triq il-Merkanti Antonio Borg għax ħeba li kellu l-pesta. Fit-22 ta' Awissu twaqqaf il-ġbir tal-qoton. Sal-aħħar ta' Awissu l-każijiet fil-Belt u l-Furjana bdew jonqsu iżda żdiedu Birkirkara, Ħaż-Żebbuġ u Ħal Qormi. Fil-11 ta' Settembru Rivarula dawwar dawn it-tliet irħula b'kurdun militari. F'Birkirkara kienu marru xi 3000 refuġjat mill-Belt Valletta. Iż-Żebbuġin kienu organizzaw gwardja ċivika li fil-25 ta' Ġunju għalqet il-kuntatt ma' Ħal Qormi. Ħaż Żebbuġ mal-ewwel każi nqasam fi tliet distretti bil-barrikati bejnietħom. Iż-Żebbuġin infettati bdew jitpoġġew f'barrakki ġo għalqa bla sanita' ta' xejn u fi sħana kbira. Mietu 189 Żebbuġi f'dawn il-barrakki.

Għalkemm f'Settembru reġgħu nstabu xi każi fid-distrett 8 fil-Belt Valletta meta wasal *Sir Thomas Maitland* f'Ottubru, l-pesta kienet battiet sewwa fl-Ibliet. *Maintland* kien ħa post *Oakes* u nħatar gvernatur ta' Malta. Iżda f'Ħal Qormi Ħaż Żebbug u Birkirkara l-pesta kienet għadha b'saħħitha.Feġġew ukoll każi iżolati fir-Rabat u fil-bajja ta' San Ġorġ. Fir-Rabat kienu ġġetti li ġabu minn Ħal Qormi. Fil-Bajja ta' San Ġorġ il-ħtija kienet xi dgħajsa li ġabet xi kuntrabandu infettat. Għalhekk *Maitland* ikkonkluda li l-arja ma' kellha x'taqsam xejn mat-tixrid tal-epidemija. Lit-tobba li kienu jsostnu dan, kien iweġibhom li mid-dehra l-arja kienet tibża mill-Pulizija dan għaliex fejn l-għassa saret sewwa l-pesta naqqset u għaddiet. *Maitland* ġabar ħafna

nies lejn il-Lazzarett. Id-djar tal-impestati bdew jinżebgħu bil-ġir u l-ħwejjeġ kollha jinħarqu. Ikkonvinċa lill-Isqof Mattei joħroġ Pastorali li tgħid li kien dnub mejjet ma' tobdiex l-ordnijiet fuq il-Pesta. Sa Jannar 1814 il-pesta spiċċat minn kullimkien barra Ħal Qormi. Minn 3700 suldat Ingliż mietu 20 biss.

*Maitland* kien jemmen li f'Ħal Qormi l-pesta ma' spiċċatx għax il-Qriema kienu jisirqu u oġġetti infettati. Jingħad iżda mhux pruvat li l-pesta daħlet Għawdex meta raġel mix-Xagħra fetaħ kaxxa f'għalqa f'Ħal Qormi li kien fiha ħwejjeġ infettati .F'Għawdex mietu madwar 96 ruħ. Fl-4 ta' Diċembru *Maitland* ħa miżuri drastiċi fuq Ħal Qormi fejn iddikjara l-liġi marzjali. Dawwar li Ħal Qormi b'żewġ ħitan ta' ġewwa kien għoli 10 piedi u l-ieħor ta' barra li kien 10 passi bogħod kien għoli sitt piedi. Fuq il-ħitan poġġa suldati armati. Kien hemm entratura waħda biss għal Ħal Qormi li kellha tliet barrikati .Min jiprova joħroġ kienu jisparawlu. Barra l-ħitan kien hemm kurdun ieħor ta' suldati. Il-morda Qriema bdew jittieħdu f'Barrakki f'tarf ir-raħal. Fejn illum hemm Triq il-Barrakki ftit 'l fuq mill-Knisja ta' San Ġorġ, kienu jitpoġġew biex imutu jew forsi jfiequ l-povri impestati Qriema. Kollox kien taħt il-Kmand ta' Kummissjoni Militari magħmula mill- Ġeneral Kurunel *Anderson*, il-Kaptan Andorra u l-Kaptan *Muller de Freidberg* li dan tal-aħħar kien jikmanda r-reġiment Sqalli. L-aħħar każ f'Ħal Qormi kien fis-7 ta' Marzu 1814. Imn'alla għax *Maitland* kien lest iġorr il-Qriema kollha fil-Lazzarett.

B'kollox f'Malta mietu madwar 4,500 ruħ minn popolazzjoni ta' ftit aktar minn 100,000 ruħ. F'Ħal Qormi mietu 740 persuna minn popolazzjoni ta' madwar 4,000 ruħ. Fid-9 ta' Awwissu Ħal Qormi ġie dikjarat ħieles mill-pesta u tkanta *Te Deum* ta' ringrazzjament lil Alla. Minbarra l-istatwa ta' San Sebastjan u d-devozzjonijiet f'Ħal Qormi nsibu tifkiriet oħra tal-pesta tal-1813. Fost it-tifkiriet tal-pesta nsibu lampier votiv li kien sar tal-fidda. Illum jintrama fil-festa ta' San Ġorġ fuq il-Kor. Fil-Mużew tal-Parroċċa ta' San Ġorġ insibu imqass b'manku twil li kien jintuża mill-qassisin biex iqarbnu l-impestati mill-bogħod. Minkejja dan nafu li f'Ħal Qormi mietu waqt il-pesta żewġ qassisin ,kif ukoll tabib u kirurgu. Il-mejtin tal-pesta ma kienux jindifnu fil-Knisja kif kienet użanza dak iż-żmien. Dawn indifnu fiċ-ċimiterju preżenti fit-Triq Valletta. Fl-1937 dan iċ-ċimiterju beda jintuża għad-dfin komuni meta ma' tħallewx aktar nies jindifnu fil-Knisja ta' San Ġorġ.

Il-pesta kienet ġabet mewt u għaks kbir f'Malta. L-ekonomija tkissret u kien hemm portijiet li damu sas-sena 1826 biex jiftħu għall-kummerċ Malti. L-ispiża kienet laħqet 232,531 sterlina meta l-*budget* kien biss ta' 140,000 sterlina. Iżda kull deni ħudu b'ġid għax minn din it-traġedja nibtet id-devozzjoni lejn San Sebastjan. J'alla fl-okkażjoni tal-200 sena minn meta daħlet il-pesta, aħna l-Qriema niftakru fl-imħabba li missirijietna wrew lejn San Sebastjan u nimitawhom fl-imħabba lejh u lejn Alla l-missier.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

*Kotba konsultat:*
*Bonello G. Histories of Malta Volume 4*
*Bonnici W. Inspector of Hospitals Robert Green and the plague in Malta 1813*
*Bugeja G . u Grima J. Minn Grajjiet il-Parrocca San Sebastjan Hal Qormi*
*Calvert R. Account on the origin and progress of the plague in the island of Malta in the year 1813*
*Grima J. Minn Grajjet Parrocca Maltija San Ġorġ ta Hal Qormi ca1400-2003*
*Frendo H.L-istorja ta Malta Vol 3*